MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Frar, 2019

Rikors Maħluf Numru 1273/2018 LM

**Proviso Limited (C83254)**

***vs.***

**DQR-X Limited (C84839)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-20 ta' Diċembru, 2018 mis-soċjetà attriċi **Proviso Limited** (C83254) u maħluf minn Andrew Cuming, (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), li jgħid:

1. *Illi s-socjetà attrici, Provisio Limited, kumpannija rreġistrata f'Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni tagħha C83254 (minn hawn 'il quddiem "Provisio") tipprovdi diversi servizzi relatati ma risk management u due diligence. Apparti minn hekk is-soċjetà attrici tipprovdi servizzi ta' konsulenza lill-kumpanniji u individwi relatati mat-*

*tnaqqis ta' riskju inkluz peremezz ta' sigurtà, protezzjoni u segretezza.*

2. *Illi s-socjetà intimata, DQR-X Limited kumpannija rreġistrata f'Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni taga C 84839 (minn hawn 'il quddiem "DQR-X") tipprovdi numru ta' servizzi relatati fil-qasam ta' distributed ledger technology u blockchain.*

A. *Relazzjoni Kuntrattwali*

3. *Illi fl-għodwa tad-29 ta' Jannar tas-sena 2018, saret laqgħa bejn iż-żewġ soċjetajiet kontendenti, fejn id-diretturi ta' Provisio, u ċioé Clive Stewart Strong u Andrew Cuming, ltaqgħu mar-rappreżentanti ta' DQR-X, u ċioé d-direttur tagħha Kristian Haehndel, kif ukoll mal-konsulent tiegħu, Channa Dassanayaka u ċertu Darren Murphy.*

4. *Illi matul din il-laqgħa DQR-X infurmat lil Provisio illi kienet bi ħsiebha tistabbilixxxi u topera cryptocurrency exchange, u kienet qed tfittex konsulenza fir-rigward ta' risk management konness mal-operat u n-negozju tagħha. Speċifikament kienet tirrikjedi xi servizzi marbuta mal-anonimità tal-individwi konnessi man-negozju, is-sigurtà tal-informazzjoni, anti-money laundering, sigurtà personali, trasport u event management.*

5. *Illi fl-istess ġurnata saret laqgħa oħra bejn l-istess soċjetajiet fejn laħqu ftehim bejniethom rigward servizzi li Provisio kienet ser tipprovdi lil DQR-X. Effettivament Provisio ġiet ingaġġata minn DQR-X sabiex tipprovdilha s-servizzi speċifikati fil-paragrafu preċedenti.*

6. *Illi l-għada ta' dawn il-laqghat, u ċioé fit-30 ta' Jannar, 2018, Provisio bagħtet letter of engagement lil DQR-X (minn hawn 'il quddiem "LOE 1"), skont il-ftehim li ntlaħaq bejn is-soċjetajiet rispettivi fil-ġurnata preċedenti, liema LOE 1 kien jispeċifika t-tip s-servizzi li kienu ser jiġu provduti minn Provisio lil DQR-X, kif ukoll il-ħlas relattiv li kien ser isir minn DQR-X għall-istess, fost affarijiet oħra, liema LOE 1 qed jiġi hawn anness u mmarkat bhala "Dok. A".*

B. *Servizzi*

7. *Illi Provisio bagħtet l-ewwel fattura lil DQR-X għal sitt xhur ta' servizzi bil-quddiem, fil-11 ta' Frar, 2018, u dan skont kif kien ġie miftiehem bejn iż-żewġ soċjetajiet kontendenti fil-laqgħat tad-29 ta' Jannar, 2018, u kif speċifikat f'LOE 1.*

8. *Illi fil-25 ta' Frar, 2018, is-sur Haehndel informa lil Provisio li kien ser ikollu jħallas għas-servizzi ta' tlett xhur minflok sitta minħabba li l-ammont dovut għal sitt xhur kien jeċċedi il-limitu massimu tal-kont bankarju tiegħu għat-trasferimenti, u din il-materja kienet ser tiġi riżolta hekk kif jottjeni faċilitajiet bankarji f'Malta għal DQR-X.*

9. *Illi f'dan ir-rigward Provisio aċċettat li titħallas biss għall-ewwel tlett xhur in vista taċ-ċirkostanzi, u għaldaqstant il-fattura relattiva ġiet emendata għall-ammont dovut ghal tlett xhur ta' servizzi, fl-ammont ta' erbgħa u tletin elf erba' mija u sitta u ħamsin euro (€34,456), u in vista ta' dan t-terminu tar-relazzjoni kuntrattwali ġiet emendata sabiex tittermina fl-aħħar ta' Mejju 2018. Il-fattura emendata qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok. C"*

10. *Illi sussegwentament, l-ammont ta' erba' u tletin elf erba' mija u sitta u ħamsin Euro (€34,456) gie mħallas mill-kont personali tad-direttur Kristian Haehndel.*

C. <u>*Estensjoni tat-terminu*</u>

11. *Illi sussegwentament f'Mejju tal-2018, DQR-X infurmat lil Provisio li kellhom bżonn jestendu is-servizzi għal terminu itwal u mhux jitterminaw fl-aħħar ta' Mejju.*

12. *Illi għaldaqstant fis-27 ta' Mejju, 2018, Letter of Engagement ieħor (minn hawn 'il quddiem "LOE 2") (vide Dok B) ġie ppreżentat lil DQR-X minn Provisio sabiex ifassal it-termini għall-kontinwazzjoni tal-ftehim kuntrattwali, skont it-termini u r-rati speċifikati oriġinarjament f'LOE 1.*

13. *Illi sussegwentament fid-29 ta' Mejju, 2018 saret laqgħa bejn iż-żewg soċjetajiet, fejn Andrew Cuming u Clive Stewart Strong ta' Provisio ltaqgħu ma' Kristian Haehndel u ċertu Bjoern Arzt ta' DQR-X, b'dan ta' l-aħħar jidentifika ruħu bħala Chief of Risk ta' DQR-X. Matul din il-laqgħa DQR-X indikat lil Provisio li kellha bċonn assistenza f'servizzi relatati ma Enterprise Risk Management. Ġie miftiehem ukoll li DQR-X kienet ser tibda tħallas għas-servizzi xahar b'xahar u f'arretrati minflok bil-quddiem.*

14. *Illi wara din il-laqgha, Provisio emendat l-LOE 2 sabiex tkopri dawn is-servizzi ġodda indikati kif ukoll sabiex temenda t-terminu għall-ħlasijiet relattivi, u dan skont kif spjegat fil-paragrafu preċedenti.*

15. *Illi s-servizzi provduti fix-xahrejn sussegwenti u ċioé Mejju u Ġunju ġew imħallsa f'arretrati fl-aħħar tax-xahar, wara li s-servizzi gew ipprovduti u l-fatturi relattivi ġew mibgħuta, u skont kif indikat fl-LOE 2. L-fatturi relattivi qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala "Dok. D" u "Dok. E" rispettivament, b'kull waħda tammonta tlettax-il elf erba' mija u tnjen u ħamsin Euro (€13,452).*

16. *Illi s-servizzi provduti fix-xahar ta' Lulju kienu jammontaw għal tlettax-il elf erba' mija u tnejn u ħamsin Euro (€13,452), u għalkemm Provisio bagħtet il-fattura relattiva lil DQR-X (vide "Dok. F"), il-pagament dovut għadu ma ġiex effettwat, u dan nonostante li DQR-X giet interpellata biex tagħmel dan diversi drabi, kif ser jiġi spjegat iżjed 'il quddiem.*

17. *Illi s-servizzi provduti fix-xahar ta' Awwissu kienu jammontaw għal tlettax-il elf erba' mija u tnejn u ħamsin Euro (€13,452), u għalkemm Provisio bagħtet il-fattura relattiva lil DQR-X (vide "Dok. G"), il-pagament dovut għadu ma ġiex effettwat, u dan nonostante li DQR-X giet interpellata biex tagħmel dan diversi drabi, kif ser jiġi spjegat iżjed 'il quddiem.*

18. *Illi fit-tletin (30) t'Awwissu, 2018 saret laqgħa oħra bejn iż-żewġ soċjetajiet għal darb'oħra bejn Andrew Cuming u Clive Stewart Strong ta' Provisio u Kristian Haehndel u Bjoern Arzt ta' DQR-X, fejn ir-rappreżentanti ta' DQR-X indikaw li kellhom bżonn li għal darb'oħra s-servizzi ikomplu u din id-darba is-servizz mitlub kien jikkonsisti fil-kumpilazzjoni ta' informazzjoni dwar l-kompetituri ta' DQR-X, Provisio aċċettaw jestendu is-servizzi għal xahar ieħor u ġie miftiehem li l-istess termini ta' ħlas kellhom japplikaw.*

19. *Illi s-servizzi provduti fix-xahar ta' Settembru kienu jammontaw għal tlettax-il elf erba' mija u tnejn u ħamsin Euro (€13,452), u għalkemm Provisio bagħtet il-fattura relattiva lil DQR-X (vide "Dok. H"), il-pagament dovut għadu ma ġiex effettwat, u dan nonostante li DQR-X giet interpellata biex tagħmel dan diversi drabi, kif ser jiġi spjegat iżjed 'il quddiem.*

D. *Spejjeż (Disbursements)*

20. *Illi apparti l-ħlas għas-servizzi provduti, DQR-X kienet tħallas lil Provisio ukoll għal ċertu spejjeż li kienet teħel in konnessjoni mas-servizzi provduti, kif ser jiġi ampjament spjegat hawn taħt.*

21. *Illi minħabba li DQR-X xtaqet żżomm lill-uffiċjali għoljin tagħha anonimi u dan sabiex tissalvagwardja s-sigurtà personali tagħhom, bħala parti mis-servizzi koperti Provisio kellha tidentifika proprjetajiet li setgħu iservu bħala residenza għall-istess uffiċjali.*

22. *Illi f'dan ir-rigward Provisio kienet tieħu ħsieb li tiffirma l-kuntratti mas-sidien tal-kirjiet għan-nom tal-uffiċjali għoljin ta' DQR-X, u għal dan il-għan DQR-X kienet tirrimborsa lil Provisio għall-ispejjeż (ċioé disbursements) li kienet teħel f'dan ir-rigward, inkluż ħlasijiet tal-kirja u l-kontijiet relattivi.*

23. *Illi tlieta minn dawn il-proprjetajiet surreferiti huma ta' rilevanza għall-każ odjern, u ċioé:*

    a. *il-proprjetà li tinsab fl-indirizz 106, Town Square, Xatt ta' Qui Si Sana, Sliema (minn hawn 'il quddiem "Town Square");*

    b. *il-proprjetà li tinsab fl-indirizz 178, Tower Road, Sliema (minn hawn 'il quddiem "Tower Road"); u*

    c. *il-proprjetà li tinsab fl-indirizz Apartment, Dar il-Hena, Senglea (minn hawn 'il quddiem "Dar il-Hena").*

24. *Illi hemm numru ta' spejjeż fir-rigward tal-proprjetajiet surreferiti li ġew mħallsa minn Provisio u għadhom ma ġewx rimborsati għalihom minn DQR-X. Dawn jikkonsistu fi spejjeż għall-kiri, spejjeż ta' kontijiet ta' dawl, ilma u internet, u penali għar-rexissjoni ta' kuntratt ta' kera qabel iż-żmien stipulat (li ser jiġi elaborat iżjed 'il quddiem f'paragrafu numru 35 ta' dan ir-rikors), kif ukoll spejjeż ta' amminstrazzjoni relattivi għal dawn il-materji. L-istess spejjeż huma mixhuda mill-fatturi annessi ma' dan ir-rikors u mmarkati bħala "Dok. I" u "Dok. J". B'kollox hemm somma kumplessiva ta' sebat elef mitejn u erbgħa u ħamsin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€7,254.65) f'dan ir-rigward.*

E. <u>Servizzi Speċjalizzati</u>

25. *Illi inoltre tul Frar tal-2018, Provisio kienet pprovdiet lil DQR-X numru ta' servizzi speċjalizzati mhux speċifikati f'LOE 1, inkluż per eżempju uħud relatati ma' Technical Surveillance Counter Measures waqt konferenza fit-tnejn (2) u t-tlieta (3) ta' Frar, 2018 li saret f'The Palace Hotel f'ta' Sliema, fost affarijiet oħra. Provisio harget fattura b'lista ta' dawn is-servizzi speċjalizzati li kienu jammontaw għal*

*ħdax-il elf mitejn u għaxar euro (€11,210) u liema somma ġiet mħallsa minn DQR-X.*

26. *Illi Provisio pprovdiet xi servizzi speċjalizzati oħra matul ix-xahar ta' Marzu, speċifikament bejn l-erbtax (14) u s-sbatax (17) ta' Marzu, 2018 liema servizzi speċjalizzati kienu jammontaw għal ħmistax-il elf ħames mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€15,598.31) u liema ammont ġie mħallas minn DQR-X.*

F. *Servizzi relatati ma' Handover*

27. *Illi bejn ix-xhur ta' Ottubru u Dċcembru 2018, Provisio għamlet xogħol konsiderevoli relatat mal-handover tal-kuntratti residenzjali lil DQR-X li kien jammonta għal total ta' tmint elef mitjen u sebgħa u ħames Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€8,257.56). Provisio bagħtet żewġ fatturi f'dan ir-rigward lil DQR-X, li qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala "Dok. K" u "Dok. L" rispettivament. Il-pagament dovut f'dan ir-rigward għadu ma ġiex effettwat, u dan minkejja li DQR-X ġiet interpellata biex tagħmel dan diversi drabi, kif ser jigi spjegat iżjed 'il quddiem.*

G. *Talbiet għal pagament*

28. *Illi Provisio għamlet diversi tentattivi sabiex tirkupra il-pagamenti dovuti lilha minn DQR-X għas-servizzi u spejjeż pendenti surreferiti, iżda minkejja li DQR-X ġiet interpellata bosta drabi sabiex teffettwa l-pagamenti relattivi f'dan ir-rigward u minkejja li DQR-X baqghet tassigura lil Provisio li l-pagamenti relattivi ser isiru, DQR-X baqghet moruza u l-pagamenti baqaw pendenti. Uħud minn dawn id-diversi tentattivi ser jiġu spjegati hawn taħt.*

29. *Illi fit-tmintax (18) ta' Settembru, 2018, Andrew Cuming bagħat voice message permezz ta' whatsapp lil rappreżentant ta' DQR-X, is-Sur Benjamin Carlotti, li huwa c-chief financial officer ta' DQR-X, fejn staqsih rigward il-pagamenti pendenti, u is-sur Carlotti kien bagħtlu lura jassigurah li l-fatturi kienu f'idu u li kienu ser jitħallsu fil-jiem sussegwenti (vide "Dok. M").*

    *Wara li għaddew gimgħatejn sħaħ mingħajr ma ġie effettwat il-pagament kif ġie*

*mwiegħed, fl-ewwel (1) t'Ottubru, 2018, Clive Strong bagħat email lill-istess Ben Carlotti ta' DQR-X, rigward l-pendenzi, u Ben Carlotti assigura lil Clive Strong li dawn l-pagamenti ibbagitjati u kienu ser jitħallsu dalwaqt (vide "Dok. N").*

30. *Illi fit-tnax (12) t'Ottubru, 2018, Clive Strong bagħat lid-direttur ta' DQR-X, Kristian Haehndel jispjegalu li Provisio kienu inkwetati dwar il-pagamenti pendenti. Is-sur Haehndel bagħtlu lura jgħidlu li jiddispjaċih li qed jisma' dan, u li kien ser jikkuntattja lic-Chief Financial Officer ta' DQR-X sabiex jeffettwa l-pagamenti relattiv (ara il-korrispondenza annessa u mmarkata bħala "Dok. O").*

31. *Illi fil-ħmistax (15) t'Ottubru, 2018, saret laqgħa bejn Provisio u Benjamin Carlotti ta' DQR-X rigward il-pagamenti pendenti, u sar ftehim li l-pagamenti kollha kienu ser jitħallsu fi żmien sebat (7) ijiem. Sussegwentament fid-dsatax (19) t'Ottubru, 2018, Andrew Cuming irċieva email minn għand Benjamin Carlotti ta' DQR-X dwar il-laqgħa li kienet saret bejn iz-zewg soċjetajiet, u assigurah li l-pagamenti kienu ser jigu effettwati fi żmien ftit jiem (vide "Dok. P").*

32. *Illi fis-sitta (6) ta' Novembru, 2018 saret laqgħa oħra bejn Provisio u DQR-X, fejn Andrew Cuming u Clive Stewart Strong għal Provisio ltaqgħu ma' rappreżentant ta' DQR-X, is-sur Anthony Jefferies, li qal li kien azzjonista ta' DQR-X u kien qed jirrapreżenta lill-azzjonisti f'din il-laqgħa, iżda fil-verità ma kien azzjonista xejn tas-soċjetà Maltija DQR-X u kien azzjonista biss tas-socjetà kontraparti tagħha Ġermaniża, DQR Gmbh.*

*Qabel din il-laqgħa, is-sur Jefferies kien indika lil Provisio li xtaq jara l-iskedi ta' xogħol għax-xogħol li sar minn Provisio għal DQR-X bejn ix-xhur ta' Lulju u Settembru tas-sena 2018, dawn ġew preżentati matul din il-laqgħa. Waqt din il-laqgħa ma ngħatat ebda garanzija lil Provisio li l-pagamenti pendenti kienu ser jitħallsu, minkejja li rappreżentanti ta' DQR-X kienu ilhom jassiguraw li dan kien ser isir minn Settembru, iżda is-sur Jefferies kien staqsa jekk Provisio kienux lesti li jinnegozjaw dwar il-prezz.*

*Wara l-laqgħa ntemmet, minkejja korrispondenza estensiva permezz ta' email mas-Sur Jefferies, ma ntlaħaq ebda kompromess bejn is-soċjetajiet rispettivi, u fit-8 ta' Dicembru, 2018, is-Sur Jefferies ħareġ min-negozjati u nforma lil Provisio li kienu ser jiġu kkuntattjati minn Bjoern Arzt.*

33. *Illi fl-10 ta' Dicembru. 2018 saret laqgħa bejn Provisio u s-Sur Arzt, u minkejja li dan qabel kien juri li kellu ċertu influwenza u kontroll f'DQR-X, informa lil Provisio li ma kellu ebda poteri eżekuttivi u seta' biss jgħaddi il-messaġġi lil uffiċjali eżekuttivi.*

34. *Illi in vista tas-surreferit, inkluz il-morożità fil-pagamenti tal-kontijiet relattivi u*

*kirja min-naħa ta' DQR-X, fid-9 ta' Diċembru, 2018, Provisio ħadet lura pussess tal-appartamenti Town Square u Tower Road, u tterminat il-kuntratti ta' lokazzjoni relattivi.*

35. *Illi fir-rigward tal-appartament Dar il-Hena, fil-laqgħa tas-sitta (6) ta' Novembru, 2018 is-Sur Jefferies kien informa lil Provisio li DQR-X ma kienx għad kellha bżonn dan l-appartament u għaldaqstant il-kuntratt seta' jiġi itterminat. F'dan ir-rigward kien hemm ukoll spejjeż ta' penali għat-terminazzjoni qabel iż-żmien stipulat, li huma wkoll inklużi fil-fattura surreferita f'paragrafu numru 23 ta' dan ir-rikors.*

36. *Illi għalhekk fadal numru ta' pendenzi li għadhom ma tħallsux minn DQR-X lil Provisio minkejja li dawn ġew interpellati diversi drabi biex jagħmlu dan, u minkejja assigurazzjoni kontinwa u ripetuta li l-pagamenti ser isiru. Speċifikament il-pagamenti li għadhom pendenti huma s-segwenti:*

    i. *Is-servizzi provduti bejn Lulju u Diċembru (Vide Dok. F, Dok. G, Dok. H, Dok. K u Dok. L) fl-ammont ta' tmienja u erbghin elf, sitt mija u tlettax-il Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€ 48,613.56);*

    ii. *L-ispejjeż (disbursements) relatati mas-servizzi provduti (Vide Dok. I u Dok. J) fl-ammont ta' sebat elef, mitejn u erbgħa u ħamsin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€7,254.65).*

    *Għaldaqstant in vista tas-surreferit, l-ammont globali li għadu pendenti, u li huwa dovut minn DQR-X lil Provisio jammonta għal ħamsa u ħamsin elf tmien mija u tmienja u sittin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€55,868.21) rappreżentanti servizzi provduti bejn ix-xhur ta' Lulju u Diċembru 2018 u spejjeż (disbursements) relatati ma dawn is-servizzi.*

37. *Illi għar-raġunijiet premessi, is-soċjetà konvenuta, hija għalhekk debitur tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf tmien mija u tmienja u sittin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€55,868.21) rappreżentanti servizzi provduti bejn ix-xhur ta' Lulju u Diċembru 2018 u spejjeż (disbursements) relatati ma' dawn is-servizzi, flimkien mal-imghaxijiet statutorji kkalkulat bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-fatturi rispettivi sad-dati tal-pagament effetiv;*

38. *Illi l-imsemmi ammont ta' ħamsa u ħamsin elf tmien mija u tmienja u sittin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€55,868.21) rappreżentanti servizzi provduti bejn ix-xhur ta' Lulju u Diċembru 2018 u spejjeż (disbursements) relatati ma' dawn is-servizzi, flimkien mal-imghaxijiet statutorji kkalkulat bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-fatturi rispettivi sad-dati tal-pagament effettiv huwa dejn cert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mis-socjeta konvenuta,*

*lis-socjetà attrici u għalhekk fil-fehma tas-soċjetà attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tigi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fil-fehma tal-istess soċjetà attrici, is-soċjetà intimata ma għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;*

39. *Illi minkejja interpellata tħallas l-ammont kollu dovut, is-soċjetà konvenuta, baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha issir din il-kawża;*

40. *Illi fl-umli fehma tas-soċjetà attriċi, is-soċjetà konvenuta ma għandhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti għat-talbiet tas-soċjetà attriċi.*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà konvenuta, għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:*

1. *Taqta' il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta DQR-X Limited hija debitriċi tas-soċjetà attriċi Provisio Limited għas-somma ta' ħamsa u ħamsin elf tmien mija u tmienja u sittin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€55,868.21) rappreżentanti servizzi provduti bejn ix-xhur ta' Lulju u Dicembru 2018 u spejjeż (disbursements) relatati ma' dawn is-servizzi, flimkien mal-imgħaxijiet statutorji kkalkulati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-fatturi rispettivi sad-dati tal-pagament effettiv;*

3. *Tikkundana lis-soċjetà konvenuta DQR-X Limited, sabiex tħallas lis-soċjetà attrici Provisio Limited is-somma ta' ħamsa u ħamsin elf tmien mija u tmienja u sittin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€55,868.21) rappreżentanti servizzi provduti bejn ix-xhur ta' Lulju u Dicembru 2018 u spejjeż (disbursements) relatati ma' dawn is-servizzi, flimkien mal-imgħaxijiet statutorji kkalkulati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-fatturi rispettivi sad-dati tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju b'numru 2014/2018, u tal-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet ppreżentat konteswalment ma' dan ir-rikors u bl-imgħax kif hawn fuq indikat, kontra s-soċjetà konvenuta li qed tiġi inġunta sabiex tixhed minn issa u għas-subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti mis-soċjetà attriċi.

Rat illi għalkemm is-soċjetà konvenuta **DQR-X Limited** (minn issa ’l quddiem “is-soċjetà konvenuta”), kienet debitament notifikata bir-rikors promotur u bl-avviż tas-smigħ, waqt l-udjenza tas-6 ta’ Frar, 2019 ma deher ħadd għaliha u ma deher ħadd biex jassistiha biex twieġeb għat-talbiet tas-soċjetà attriċi.

Waqt l-udjenza tas-6 ta’ Frar, 2019 semgħet ix-xhieda ta’ **Clive Strong**[1], direttur u azzjonist tas-soċjetà attriċi, li bil-ġurament tiegħu kkonferma illi sad-data tas-smigħ ta’ din il-kawża ċjoè sas-6 ta’ Frar, 2019 ma tħallas xejn lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà konvenuta mill-ammont dovut lilha ta’ ħamsa u ħamsin elf, tmien mija u tmienja u sittin Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€55,868.21).

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta’ Frar, 2019 fejn il-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għas-sentenza.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1. Tilqa’ l-ewwel talba attriċi u taqta’ l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;**

[1] *A fol.* 50 tal-proċess.

**2. Tiddikjara li s-socjetà konvenuta DQR-X Limited hija debitriċi tas-soċjetà attriċi Provisio Limited fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, tmien mija u tmienja u sittin Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€55,868.21) rappreżentanti servizzi provduti lilha mis-soċjetà attriċi bejn ix-xhur ta' Lulju u Diċembru 2018 u spejjeż *(disbursements)* relatati ma' dawn is-servizzi, flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data tal-fatturi rispettivi sad-dati tal-pagament effettiv;**

**3. Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta DQR-X Limited sabiex tħallas lis-soċjetà attrici Provisio Limited is-somma ta' ħamsa u ħamsin elf, tmien mija u tmienja u sittin Euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€55,868.21) flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data tal-fatturi rispettivi sad-dati tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 2014/2018, u tal-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet ppreżentat konteswalment mar-Rikors Maħluf, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.